SWIEQI

**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI SWIEQI**

**IL-HAMES KUNSILL 2007-2012**

**SEDUTA NUMRU 49**

**IT-TLIETA 12 ta' APRIL 2011 FL-UFFIĊĊJU AMMINISTRATTIV TAL-KUNSILL FIL-5.00P.M.**

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| CARMEN SAID | SINDKU |
| ALFRED CURMI | KUNSILLIER |
| JOSEPH BONELLO | VIĊI SINDKU (wasal 5.45p.m.) |
| MARIO FAVA | KUNSILLIER |
| PAUL FENECH | KUNSILLIER |
| RENE`ROSSIGNAUD | KUNSILLIER |

**SKUŻATI:**

| | |
|---|---|
| GORDON SHEPHARD | KUNSILLIER |

**TALBA**

IS-SINDKU QALET IT-TALBA.

## I APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

Il-minuti tas-Seduta numru 48 ġew approvati. Il-Kunsillier Fenech ippropona. Il-Kunsillier Fava ssekonda.

## II PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI

**Mill-Kunsillier Mario Fava**

1. Il-Kunsillier staqsa dwar meta ser jibda il-programm ta' xogħlijiet ta' banikini. Is-Segretarju Ezekuttiv wieġeb li dawn ix-xogħlijieti ser jibdew għal nofs Mejju.

2. Il-Kunsillier staqsa jekk inġabrietx il-kwotazzjoni għax-xogħlijiet ta' zebra crossing fi Triq ta' lIbrag fil-viċinanza tal-Lukanda Halland. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li l-kwotazzjonijiet inġabru. Dawn jammontaw għall-€4459. Wara duskuzzjonijiet l-Kunsill approva l-kwotazzjoni u talab biex ix-xogħlijiet jibdew mill-aktar fis.

3. Il-Kunsillier staqsa jekk waslitx risposta mit-Transport Malta dwar il-ħsarat fil-wiċċ tat-Triq fi Triq il-Miġbed. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li ma waslitx risposta. Il-Kunsill qabel li għandha tintbagħat reminder.

4. Il-Kunsillier staqsa jekk fil-Kumitat Konġunt gietx diskussa is-sorveljanza li kellha ssir mill-wardens fi Triq is-Swieqi, Triq il-Qasam u Pjazza Uqija. Is-Sindku nfurmat li din il-materja ġiet diskussa waqt l-aħħar laqgħa. Il-Kumitat ikkonferma li ser tibda ssir sorveljnza pero' jkun impossibli li jiġi stazzjonat warden il ħin kollu, dan minħabba problema ta' spejjez. Il-Kunsillier saħaq l-importanza li ssir sorveljanza mill-inqas darba fil-ġimgħa. Dan minħabba l-abbużi li ta' sikwit jiġu rrapurtati kif ukoll il-periklu li dawn jistgħu jikkaġunaw lil sewwieqa oħra.

**HUGH ZAMMIT**
**Segretarju Eżekuttiv**

**CARMEN SAID**
**Sindku**

## IV KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

1. Is-Sindku nfurmat li din is-Sena ukoll ser issir skola sajf. Din ser terġa ssir fil-bini tal-Parocca. Il-Kunsill ġie nfurmat li diġa bdew it-taħdidiet mall-Kumitat Parrokjali.

2. Is-Sindku nfurmat li ġiet avviċinata mis-Sur Ray Abela TCTC dwar il-possibilta' ta' Computer Courses għar-residenti tal-lokalita'. Il-parti l-kbira ta' l-ispejjes ta' dawn il-korsijiet ser ikunu sponsorjati mit-TCTC. L-applikant iħallas biss €10.00. Il-Kunsill ġie nfurmat li minħabba problema ta' spazju fil-Kunsill tagħna dawn il-korsijiet ser isiru fil-Kunsill Lokali ta' San Gwann. Il-Kunsill qabel unanimament mall-proposta.

3. Is-Sindku rrapurtat dwar l-iskema tal-Gvern – Proġett ta' kisi bit-tarmak ta' toroq (PPP). Din l-iskema tippermetti li isiru toroq bit-tarmak u li l-ħlas tagħhom isir kull Sena tul 8 snin. Il-Gvern jikkontribwixxa 30% tas-somma. Is-Sindku sostniet li jekk il-Kunsill jaqbel allura jkunu jistgħu isiru xogħlijiet fi Triq it-Tiben, Triq il-Qasam, Triq il-Keffa, Triq is-Sirk u Triq il-Marbat. Jkunu jistgħu isiru wkoll il-culverts, fl-imsemmija toroq kif ukoll dawk fi Triq il-Ġejża. Il-Kunsillier Fava ikkumenta li din l-iskema ser tinvolvi wkoll lill-Kunsill li ser jiġi elett wara din il-leġislatura. Wara diskuzzjoni il-Kunsill qabel li jinġabru stimi bejn wieħed u iehor tat-toroq imsemmija.

4. Is-Sindku nfurmat li x-xogħlijiet ta' tiswijja fil-girna ta' Wied Għomor saru. Dawn saru mill-ħaddiema tal-Gvern (Ministeru tar-Risorsi Umani.)

*Minħabba impenji oħra, is-Sindku talbet biex tiġi skużata. Ħin 5,50p.m.*

*Minħabba l-assenza tas-Sindku, il-Viċi Sindku ħa l-inkarigu li jippresendi l-laqgħa.*

## V RAPPORTI MILL-KUNSILLIERI

**<u>Mill-Kunsillier Rene Rossignaud</u>**

1. Il-Kunsillier irraporta ġebel u ramel li tħalla mill-ħaddiema tal-Gvern li bnew il-boundary wall fi Triq Passi Fjora. Is-Segretarju Eżekuttiv ħa l-inkarigu li inaddaf din iż-żona.

2. Il-Kunsillier staqsa meta ser jiġi installat id-dawl il-ġdid fin-niżla tal-Wied (access għal San Ġwann) Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li l-permessi qed idumu ma joħorġu minħabba work to rule min-naħa ta' l-Enemalta.

**HUGH ZAMMIT** — **CARMEN SAID**
**Segretarju Eżekuttiv** — **Sindku**

## V RAPPORTI MILL-KUNSILLIERI

**Mill-Kunsillier Rene Rossignaud**

3. Il-Kunsillier tkellem dwar il-periklu li nħoloq fi Triq is-Swieqi bil-bini ta' boundary wall għal Tower Crane li ser jiġi nstallat fil-viċianza tal-ġnien. Il-Kunsillier saħaq li dan għandu jersaq aktar il gewwa fuq is-sit. Dan jista faċilment jiġi nstallat fix-xaft tal-bini jew fl-10 piedi front garden. Il-Kunsillier Fenech ukoll irraporta dan il-periklu u saħaq li għandu jinstab post aktar addattat b' inqas periklu għal dawk kollha li jiffrekwentaw din it-Triq. Il-Kunsillier Curmi wkoll irraporta dan il-periklu diversi drabi permezz ta' emails u anki telefonati. Hu informa li din it-Triq tintuża daqs Triq arterja u għaldaqstnat il-binja li saret hija wisq perikoluża għal dawk il-karozzi li jkunu ġejjin minn direzzjoni opposta. Il-Kunsillier Curmi talab ukoll sabiex tiġi installata meta faċċata l-binja sabiex jitnaqqas il-periklu ta' dawk ir-residenti li kull ħin jkollhom il-bżonn li joħorġu l-vettura tagħhom mill-garaxx. Ġie deċiż li ssir laqgħa fuq il-post bejn delegazzjoni mill-Kunsill li tinkludi il-Perit tal-Kunsill kif ukoll is-sidien responsabbli mill-kostruzzjoni. Din il-laqgħa se ssir nhar it-Tlieta 19 ta' April 2011 fis-2,30p.m. fil-ġnien tas-Swieqi.

**Mill-Kunsillier Paul Fenech**

1. Il-Kunsillier Fenech informa li saret il-laqgħa mas-Sur Mark Scerri Simiana dwar is-sistema Tourist Zone. Fil-laqgħa li għaliha kienu preżenti ukoll is-Sindku u l-Kunsillieri Curmi ġew spjegati fid-dettal fejn għandhom isiru l-kuntatti għall-aktar informazzjoni dwar is-sistema.

2. Il-Kunsillier kompla spjega li s-sitwazzjoni hi wisq komplessa minħabba liġijiet li jaqgħu fir-responsabilta' ta' diversi entitajiet fosthom il-MEPA, Ministru tat-Turiżmu kif ukoll il-Ministeru tar-Risorsi Umani.

**Mill-Kunsillier Alfred Curmi**

1. Il-Kunsillier informa li saret il-laqgħa mas-Sur Mark Scerri Simiana uffiċjal mit-Toursit Board inkarigat mit-Tourist Zone. Fil-laqgħa ġew spjegati xi problemi li ta' sikwit jinqalgħu fil-lokalita tas-Swieqi. Is-Sur Simiana ta' parir li ssir laqgħa mall-Perit Karm Mifsud Borg mill-MEPA. Dan l-uffiċjal huma ferm intiż mal-liġijiet dwar kostruzzjoni fil-lokalitajiet li jagħmlu parti mit-Tourist Zone.

**HUGH ZAMMIT**
**Segretarju Eżekuttiv**

**CARMEN SAID**
**Sindku**

## V RAPPORTI MILL-KUNSILLIERI (Jkompli.......................)

**<u>Mill-Kunsillier Alfred Curmi (jkompli............................)</u>**

2. Il-Kunsillier staqsa għall-minuti tal-laqgħa li kienet saret ma l-iskejjel EFL Monitoring Board dwar studenti barranin. F' din il-laqggħa kienu preżenti uffiċjali tal-Pulizija, Dr. Jane Calleja u s-Sindku. Is-Segretarju Eżekuttiv ħa l-inkarigu li jagħmel il-kuntatti meħtieġa għall-imsemmija minuti.

3. Il-Kunsillier staqsa meta ser jiġu ppublikati l-offerti għar-refurbishment tat-Tennis Court. Is-Sindku nfurmat li diġa kellha kuntatti mall-Perit tal-Kunsill. Dan wiegħed li l-ispesifikazzjonijiet dalwaqt ser ikunu lesti.

4. Il-Kunsillier informa li dalwaqt ser jiġi nstallat U Bars fuq il-bankina fil-kantuniera ta' Triq is-Sidra ma Triq is-Swieqi. Dan ser isiru għas-Sigurta ta' dawk kollha li jużaw din il-bankina. Dawn saru minħabba li l-wiesa tal-bankina ma tippermettiex li tiġi installata barrier .

5. Il-Kunsillier staqsa beix jitħaffef il-proċess ta' zebgħa tal-junction box fl-entratura tas-Swieqi. Is-Segretarju Eżekuttiv nforma li dawn ix-xogħlijiet diġa ġew ordnati.

6. Il-Kunsillier staqsa fl-liema stadju wasal l-impjieg il ġdid ta' l-iskrivana mall-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li saret talba għal part 3 ta' dawk li qed jirreġistraw ma' l-ETC.

7. Il-Kunsillier issuġerixxa policy ġdida dwar l-armar ta' Tower Crane fil-lokalita'.
    a. issir pjanta tas-sit mill-Perit tal-Kunsill li turi fejn ser jintrama il-crane.(spejjez ghall-Kuntrattur)
    b. Certifikat ta' safety mill-Perit tal-Kunsill.
    c. Certifikat mill-uffiċjal inkarigat mill-Health & Safety
    d. Il-permess jingħata wara approvazzjoni mill-kunsillieri responsabbli

Il-Kunsill qabel unanimament ma dawn il-proposti.

8. Il-Kunsillier irrikomanda li fuq il-permess ta' l-Iskip għandom jidhru id-data ta' meta dawn se jintużaw (il-bidu u tmien). Is-Segretarju Ezekuttiv informa li din hija proċedura li dejjem saret.

**HUGH ZAMMIT** **CARMEN SAID**
**Segretarju Eżekuttiv** **Sindku**

## VI KOMMUNIKAZZJONI MIS-SEGRETARJU EŻEKUTTIV

1. Is-Segretarju Eżekuttiv nforma li s-seduta tal-Qorti li jmis dwar il-kont pendenti tal-Perit Camilleri għal pjanti li hu kien għamel tal-proġett ta' Triq il-Keffa ser issir nhar il-Ġimgħa 29 ta' April 2011 fil-11.00a.m. Is-Segretarju nforma li bħalma kien deċiż fil-Kunsill hu ser jattendi bħala observer.

2. Il-Kunsill ġie nfurmat dwar it-tweġiba tar-resident ta' Triq il-Bramel għall-ittra li kienet intbagħtet dwar il-possibilta' li jinbidel l-isem tat-Triq minħabba li fis-Swieqi hawn Triq b' isem simili. Is-Residenti talbu li l-isem ma jinbidilx. Ghal dawn ir-raġunijiet il-Kunsill ukoll ikkonkluda li l-isem għandu jibqa dak li hu fil-preżent.

**Offerti**

3. Is-Segretarju Eżekuttiv nforma li l-offerta ta' kiri ta' vettura għall-użu tal-Kunsill skadut fit-2 ta' Marzu 2011. Il-Kunsill ideċieda li din tiġi estiża għal Sena oħra basta bl-istess kundizzjonijiet.

4. Offerta dwar Servizzi ta' Accountant tal-Kunsill.
   Il-Kunsill ideċieda li ssir sejħa għall-offerti meta jiġi iffinalizzat audit report 2010.

5. Offerta tad-dawl tat-toroq
   Il-Kunsill ideċieda li din tiġi estiża għall-aħħar Sena basta bl-istess kundizzjonijiet u prezzijiet stipulat fl-offerta oriġinali.

## VII APPROVAZZJONI TA' PAGAMENTI

1. Il-pagamenti kollha li jidhru fuq l-iskeda ġew approvati.

Il-Laqgħa spiċċat fit-7.20p.m. u Sar aġġornament għal nhar l-Erbgħa 18 ta' Mejju 2011 fil-5.00p.m.

**HUGH ZAMMIT**
**Segretarju Eżekuttiv**

**CARMEN SAID**
**Sindku**